**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 191895** **12.09.2019**

## STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER

***L-Ombudsman jippreżenta l-Ombudsplan 2020 lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati***

L-Ispeaker Anġlu Farrugia rċieva lill-Ombudsman Parlamentari Anthony C. Mifsud fejn ġie ppreżentat bl-*Ombudsplan 2020* hekk kif l-Att dwar l-Ombudsman jistabbilixxi li, "l-Ombudsman għandu jippreżenta quddiem il-Kamra, mhux iktar tard mill-15 ta' Settembru ta' kull sena, *Ombudsplan* li jkun jindika l-attivitajiet tas-sena li ġejja."

L-*Ombudsplan* ta' din is-sena jelenka 25 prinċipju adottati mill-Kummissjoni ta' Venezja li jistabbilixxu protezzjoni u promozzjoni tal-istituzzjoni tal-Ombudsman. Dawn il-prinċipji ta' Venezja jipprovdu fuq kollox riga li biha jista' jiġi mkejjel jekk l-istituzzjoni tal-Ombudsman fil-pajjiż hix konformi mal-istandards bażiċi iżda rigorużi meħtieġa u mixtieqa f'soċjetà demokratikament evoluta.

Fl-*Ombudsplan* qed issir ukoll analiżi qasira ta' kull prinċipju biex jiġi indikat jekk u sa fejn il-qafas kostituzzjonali u legali li jirregola l-istituzzjoni tal-Ombudsman f'Malta jissodisfax dan il-kejl. l-*Ombudsplan 2020* jirrakkomanda wkoll titjib fil-qafas leġiżlattiv biex jassigura li x-xogħol tal-Ombudsman u tal-kummissarji jkun aktar effiċjenti u effettiv.

L-Ispeaker se jkun qed iqiegħed l-*Ombudsplan 2020* fuq il-mejda tal-Kamra fl-ewwel seduta wara l-ferjat tas-sajf.

**Attachments: photos** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**